Minuti tal-laqgħa numru disgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li nzammet nhar l-Erbgħa, 19 ta' Frar 2025 fil-5.30pm fil-Bini Amministrattiv, 7, Triq il-Knisja, l-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv (DSE) |

09.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** Apoloġiji

Inqrat l-ittra ta' apoloġija tas-Sa Marion Parnis u din kienet ikkunsidrata u l-Kunsill qabel li hija għandha tkun skuzata.

09.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-seduta numru tmienja** Minuti

Il-Minuti kienu imqassma mal-agenda u meqjusa bħala moqrija. Dawn kienu kkunsidrati u mressqa għall-vot mis-Sur Karmenu Farrugia u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco u approvati b'vot unanimu mingħajr korrezzjonijiet.

09.03 **Ġieħ il-Qrendi u Jum il-Qrendi 2025** Ġieħ/Jum il-Qrendi

Is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi se tinżamm kif miftiehem nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Frar fis-7.30pm fiċ-Ċentru Pastorali Parrokkjali. Is-Sindku, is-Sur David Schembri ikkonferma li se jattendi l-Ministru tal-Wirt Kulturali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Ministru Owen Bonnici. Is-Sur Karmenu Farrugia talab spjega għaliex ma kienux promossi dawn l-attivitajiet. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjega illi hu dendel il-posters fin-notice boards tal-Pjazza u ta' quddiem l-Għassa filwaqt li hija l-prassi li l-avvizi fil-facebook jitilgħu dak in-nhar tal-attività. Kien deċiż li dawn l-avvizi jitilgħu għada stess fuq il-media soċjali.

09.04 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Budget 2025** Budget 2025

Il-Budget tas-sena 2025 li kien oriġinalment imressaq u diskuss fis-seduta tax-xahar ta' Diċembru 2024 kien ikkonfermat u mressaq mis-Sa Nina Briffa u ssekondat mis-Sa Anthea Sacco u approvat unanimament.

09.05 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Financial Statements 2024** FS ye 2024

Il-Financial Statements 2024 ma waslux mingħand l-accountant tal-Kunsill u għaldaqstant ma setgħux jiġu kkonfermati u approvati fil-ħin peress li dawn suppost ikunu sottomessi sa nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Frar 2025, liema data hija stabbilita mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Għaldaqstant trid issir laqgħa b'urġenza.


Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knsija, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-Mail: qrendi.lc@gov.mt;

09.06 **Serata tal-Karnival fil-Qrendi** Serata tal-karnival

Is-Sa Anthea Sacco tkellmet fuq is-serata tal-Karnival li se tkun organizzata nhar l-4 ta' Marzu 2025 fil-Qrendi. Hija qalet li kkuntattjat kumpanija u se tieħu ħsieb kollox hi u kriet ukoll zewġ mużiċisti u banda li se tibda ddoqq minn quddiem il-Kazin tal-Madonna ta' Lourdes u imbgħad tinżel lejn il-kazin tal-Boċċi u titla' lejn il-Knisja minn Triq Rokku Buhagiar għal quddiem l-Iskola. Il-Banda se titlaq fis-6.30pm u fil-5.00pm tkun qed issir l-attività fil-ground ta' wara l-Iskola. Id-DSE kien imqabbad sabiex jipprovdi Gwardjan Lokali/Pulizija biex tipproteġi speċjalment il-Banda fit-Toroq. Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco qalet illi se jkun hemm bar u dan se jkun immaniġġjat mil-Kazin tal-Futbol / Nursery. Dwar id-dwal, bistro tables u anke siġġijiet se jkun hemm kirja mil-kazini tal-baned filwaqt li se jitħallew ikantaw zewġ diski żewġt itfal bil-kostum tal-karnival. Se nippruvaw nikru erbgħa dust bins u jinqata l-ħaxix ħażin.

09.07 **SPI/SCI/2/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2025-2026** Festival tal-Patata.

Se napplikaw għall-attività tal-Festival tal-Patata li normalment isir f'Mejju 2026. Għall-attività ta' din is-sena se naraw jekk id-DLG jikkonċedu bidla, nippruvaw inressquha fl-1 ta' Ġunju.

09.08 **SPI/SCI/3/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa 2025** Clean Up

Se napplikaw mar-Reġjun Punent biex l-attività tkun konġunta u wkoll waħda aktar edukattiva.

09.09 **SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess – Milied 2025** Milied 2025

Għall-attivita' tal-Milied se napplikaw għall-Villaġġ tal-Milied kif sar is-sena l-oħra nhar is-6 u s-7 ta' Diċembru 2025

09.10 **Ħruġ ta' Offerta Pubblika għal servizzi ta' Accountant / Accountant Technician** Accountant

L-offerta pubblika se tkun ippubblikata nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Frar 2025. Id-DSE qal illi se tkun maqsuma fuq zewġ lots u wieħed minnhom ikun accountant technician li se jkun qed idaħħal kollox fil-programm tas-SAGE.

09.11 **Tħejjija għall-Festival tal-Patata (Mejju 2025) (Skema 2024/2025)** Festival tal-Patata

Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco talbet kopja tal-applikazzjoni ta' din is-sena tal-Festival tal-Patata filwaqt li s-Sur David Schembri qal illi kellu offerta minn organizzatur biex din is-sena jorganizzah hu. Dwar din l-organizzazzjoni ta' dan il-Festival irid ikun hemm aktar diskussjoni fil-futur filwaqt li s-Sa Anthea Sacco qalet illi qed tikkunsidra wkoll servizzi ta' xi ħaddieħor.

Is-Sur Karmenu Farrugia qal illi dan il-festival irridu naraw kif nagħmlu biex iqajjem aktar interess u joffri attrazzjonijiet ġodda.

09.12 **Programm Erasmus (Skart tal-ikel)** Erasmus

Is-Sur David Schembri tkellem dwar dan il-programm verament interessanti.

09.13 **Ċedola tal-pagamenti SCH01, 14/1/25 – 19/2/25 u Petty Cash AB/1** Ċedoli

Iċ-ċedola tal-pagamenti u dik tal-Petty Cash kienet approvata unanimament. Din kienet imqassma mal-agenda.

09.14 **Punti Oħra**



Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knsija, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-Mail: qrendi.lc@gov.mt;

09.14.01 Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi kien fuq safra Praga fuq proġett ieħor. Hu qal li qed jistaqsuna jekk hux interessati wkoll nipparteċipaw minflok l-Iscouts tal-Imtarfa dwar proġett fuq il-ħobz. Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi iddeċieda li napplikaw. Proġett tal-UE

09.14.02 Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi r-Reġjun Punent se jkun qed joffri skema ta' €10,000 dwar attivitajiet kulturali. Hu qal li dan intqal mil-*Cultural Manager* fejn tkellmu dwar *Open Cinema / Short Film Festival* bħalma kien sar fil-Pjazza ta' San Mattew fl-2023. Is-Sur David Schembri qal illi l-film jista' jkun wieħed Ċiniz li hu bis-sotto titoli bl-Ingliz. Zied jgħid illi jista' jsir ukoll *Chinese Night* kemm-il darba nsibu l-għajnuna mingħandhom. Skema Attivitajiet Kulturali

09.14.03 Is-Sindku, is-Sur David Schembri issuġġerixxa li ssir Quddiesa bl-għana fil-Kappella ta' San Mattew biex tkun promossa din it-tradizzjoni. Hu qal li preżentement din il-Knisja qed tintuża minn Fr Ray Toledo għall-quddies regolarment u jista' jkun li ssir f'quddiesa li jkun qed jiċċelebra hu stess. Quddiesa bl-għana

09.14.04 Kienu ukoll suġġerit mis-Sindku, is-Sur David Schembri illi jsiru *recitals* ġewwa l-kappella tal-Ħniena permezz ta' promozzjoni/għajnuna mir-Reġjun Punent. Dan kien diskuss mal-*Cultural Manager* fl-istess laqgħa li ssemmiet aktar 'il fuq. Dwar dan is-sit, is-Sur Karmenu Farrugia staqsa x'inhi l-possibilità li jsir *toilet* f'dan is-sit. Recitals fil-Kappella tal-Ħniena

09.14.05 Intqal ukoll mis-Sindku, s-Sur David Schembri illi kellu laqgħa ma' uffiċjali ta' TM kif ukoll laqgħa oħra ma' *Infrastructure Malta*. F'dawn il-laqgħat kienet imsemmija l-urġenza biex isiru Triq it-Tabib Gregorjo Mifsud, l-għoti tal-qatran (60m) fi Triq tal-Providenza, Triq il-Kastiljani u wkoll it-twaħħil ta' sitt *sleeping policeman* fi Triq il-Panorama. Ser ikun mitlub uffiċjalment biex Triq il-Panorama bejn il-Mitjar ta' San Niklaw, Triq it-Tempesta, Triq Ħaġar Qim u Triq Wied taz-Zurrieq tiġi meqjusa bħala waħda arterjali. Toroq

09.14.06 Is-Sur David Schembri, is-Sindku, talab lis-Sa Anthea Sacco, l-Viċi Sindku u lis-Sa Nina Skye Briffa biex ipoġġu fuq il-board tal-intervisti ħalli jsiru l-intervisti tal-iskrivan/a. Dawn aċċettaw u indikaw li wara l-4.30pm matul il-ġimgħa, nistgħu insibu ġurnata addattata. Bord tal-intervisti

09.14.07 Issemmiet risposta li tajna lid-Dipartiment Gvern Lokali fuq talba tagħhom dwar liema huma s-siti storiċi li jinħtiġilhom li jsir restawr fuqhom. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi talbna biex isir ir-restawr fuq il-Kappella tal-Grazzja, il-Kappella ta' Sant Anna, il-Kappella tas-Salvatur, il-Kappella ta' Santa Katerina (waterpoofing) in-Niċċa ta' San Pawl fejn il-Kazin tal-Madonna ta' Lourdes u niċċa oħra fejn Feliċ tax-xagħar. Is-Sur Karmenu Farrugia qal illi qalulu wkoll illi anke Santa Marija tal-Pjazza għandha bżonn dawra. Is-Sindku qal illi ma kienx jaf b'dan għaliex ir-restawr fuq din l-istatwa m'ilhux wisq li sar u ma daħlet l-ebda' talba uffiċjali. Restawr ta' siti storiċi

09.14.08 Is-Sa Nina Skye Briffa tkellmet dwar arblu msaddar li hemm fi Triq il-Kastiljani filwaqt li kien esebit ritratt fuq it-telefon ċellulari tagħha. Dan hemm earth wire imwaħħal miegħu u se jsir rapport ieħor lill-Korporazzjoni Enemalta. Arblu tad-dawl

09.14.09 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem fuq il-ħtieġa li ssir manutenzjoni fuq bank tal-injam fejn il-Kazin tal-Madonna ta' Lourdes. Bank tal-injam



*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knsija, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-Mail: qrendi.lc@gov.mt;*

09.14.10 Is-Sa Nina Skye Briffa talbet sabiex il-Kunsill Lokali tat-Tfal jiltaqa' mal-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Dan jista jsir fil-laqgħa li jmiss. Zjara mil-Kunsill Lokali tat-Tfal

09.14.11 Is-Sur Karmenu Farrugia reġa' ssuġġerixxa li tintbgħat it-talba lill-Transport Malta biex issir zebra crossing fi Triq Rokku Buhagiar fl-inħawi tal-ispizerija. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li biha se jintilfu parkeġġi utli fuq iz-zewġ naħat tat-triq u hemm diffikultà biex ma ssirx quddiem garages u 'l bogħod 15-il pied minn kantuniera. Is-Sur Farrugia talab ukoll biex jinbidlu l-lampi tat-toroq li qed jixehlu baxx ħafna fl-inħawi ta' din l-ispizerija l-ġdida u jiġu preferibbilment jixehelu kulur wieħed. Zebra Crossing u Dawl

09.14.12 Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa dwar ix-xogħol fiċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll dwar il-bandli. Hu telaq fis-19:09 mil-kamra filwaqt li kien qed jiġi spjegat l-andament tax-xogħlijiet. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal l-bandla tal-persuni b'diffikultà mobbli se tkun qed tiswa €8,000 u l-Ministeru tal-Inkluzjoni u l-Għaqdiet Volontarji se jissussidjawna b'€2,500. Dan kien deċiz wara komunikat li kellna dan l-aħħar mal-Ministeru. Is-Sur David Schembri qal li l-apparat tal-bandli hu ordnat u l-lift se jkun qed jiġi nstallat bejn 4 u 6 xhur oħra. Fil-jiem li għaddew kien hemm laqgħa wkoll mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja fejn kien stabbilit illi hemm bżonn li ssir applikazzjoni ta' *Development Notice Order* mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar it-tabella tal-Berġa biex tkun regolata. Ċentru Ċiviku

09.15 **Data tal-laqgħa li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fis-7.20pm u dik li jmiss se ssir nhar is-17 ta' Marzu 2025 fil-5.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 17.3.25 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku



*Kunsill Lokali tal-Qrendi; 7, Triq il-Knsija, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-Mail: qrendi.lc@gov.mt;*